MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 26/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fil-25 ta’ Jannar, 2006 li permezz taghha l-attur ippremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-24 ta’ Jannar 1998 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

i) Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Jannar 1998.

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati pprezentata fid-29 ta' Marzu, 2006 li permezz taghha eccepew;

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri kemm-il darba huma jigi edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attur u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Jannar, 1998 minhabba r-ragunijiet indikati fic-citazjoni illi jikkorrispondu ma’ numru relattivi ta’ sub-artikoli ta’ l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-konvenuti kuraturi deputati ma setghux iressqu provi ghaliex l-attrici ma ghandha ebda idea fejn jinsab il-konvenut u ghalhekk ma sarx kuntatt mieghu. Kull ma l-Qorti ghandha quddiemha huma l-provi imressqa mill-attur, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan naturalment japplika iktar f’kaz bhal dan fejn il-kuraturi ma kinux f’posizzjoni li jressqu provi minhabba li ma setghux jaghmlu kuntatt mal-konvenuta.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li hu zzewweg lill-konvenuta ghaliex gie mwieghed xi flus minnha – skond hu dawn baqa' ma hadhomx xorta wahda. Infatti wara z-zwieg kulhadd mar ghal rasu u ma regax ra lill-konvenuta. Kien allura zwieg ta' konvenjenza u l-Qorti kienet tordna li jittiehdu passi kriminali kieku z-zwieg gie celebrat wara l-emenda li saret ghall Kapitolu 255 fl-2004.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-24 ta' Jannar, 1998. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------